

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/2013

tal-11 ta' Marzu 2019

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/1369 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fejn jidħol it-tikkettar tal-enerġija tal-unitajiet tal-wiri elettroniċi u li jħassar ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1062/2010

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/1369 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2017 li jistabbilixxi qafas għat-tikkettar tal-enerġija u li jħassar id-Direttiva 2010/30/UE⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 11(5) u l-Artikolu 16 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2017/1369 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta atti delegati fir-rigward tat-tikkettar jew tar-riklassifikazzjoni tat-tikkettar ta' gruppi ta' prodotti li jirrappreżentaw potenzjal sinifikanti għall-iffrankar tal-enerġija u, meta rilevanti, ta' riżorsi oħra.
- (2) Id-dispożizzjonijiet dwar it-tikkettar tal-enerġija għat-televixins ġew stabbiliti bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1062/2010⁽²⁾.
- (3) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2016)773 final⁽³⁾ (il-pjan ta' ħidma dwar l-ekodisinn), stabbilita mill-Kummissjoni waqt l-applikazzjoni tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽⁴⁾, tistabbilixxi l-prijoritajiet ta' ħidma permezz tal-qafas tal-ekodisinn u tat-tikkettar tal-enerġija għall-perjodu 2016-2019. Il-pjan ta' ħidma dwar l-ekodisinn jidentifika l-gruppi ta' prodotti relatati mal-enerġija li għandhom jitqiesu bħala prijoritajiet għat-twettiq ta' studji preparatorji u l-adozzjoni eventwali tal-miżura ta' implimentazzjoni, kif ukoll ir-rieżami tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 642/2009⁽⁵⁾ u tar-Regolament Delegat (UE) Nru 1062/2010.
- (4) Hu stmat li l-miżuri mill-pjan ta' ħidma dwar l-ekodisinn għandhom il-potenzjal li b'kollox jipprovdu iżjed minn 260 TWh ta' ffrankar annwali tal-enerġija finali fl-2030, jiġifieri ekwivalenti għal tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra ta' madwar 100 miljun tunnellata fis-sena fl-2030. L-unitajiet tal-wiri elettroniċi huma wieħed mill-gruppi ta' prodotti elenkati fil-pjan ta' ħidma.
- (5) It-televixins huma fost il-gruppi ta' prodotti msemmija fl-Artikolu 11(5)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1369, li għalihom il-Kummissjoni jenħtieġ tadotta att delegat li jintroduċi t-tikketti riklassifikati minn A sa G.
- (6) Ir-Regolament Delegat (UE) Nru 1062/2010 jeżiġi li l-Kummissjoni twettaq rieżami tar-Regolament fid-dawl tal-progress teknoloġiku.

⁽¹⁾ ĠU L 198, 28.7.2017, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1062/2010 tat-28 ta' Settembru 2010 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tikkettar enerġetiku għat-televixins (ĠU L 314, 30.11.2010, p. 64).

⁽³⁾ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni. Il-pjan ta' ħidma dwar l-ekodisinn 2016-2019 COM(2016)773 final, 30.11.2016.

⁽⁴⁾ Id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija (ĠU L 285, 31.10.2009, p. 10).

⁽⁵⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 642/2009 tat-22 ta' Lulju 2009 li jimplementa d-Direttiva 2005/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għat-televixins (ĠU L 191, 23.7.2009, p. 42).

- (7) Il-Kummissjoni għamlet rieżami tar-Regolament (UE) Nru 1062/2010 kif jeżiġi l-Artikolu 7 tiegħu, u analizzat aspetti tekniċi, ambjentali u ekonomiċi tat-televixins u ta' unitajiet tal-wiri elettroniċi oħra, inkluż il-monitors u l-unitajiet tal-wiri tas-sinjalar kif ukoll il-fehim u l-imġiba tal-utenti fil-ħajja reali fejn jidħlu elementi differenti tat-tikkettar. Ir-rieżami sar b'koperazzjoni mill-qrib mal-partijiet konċernati u mal-partijiet interessati mill-Unjoni u minn pajjiżi terzi. Ir-riżultati tar-rieżami ġew ippubblikati u ppreżentati lill-Forum tal-Konsultazzjoni stabbilit bl-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2017/1369.
- (8) Mir-rieżami joħroġ li l-istess rekwiżiti tat-televixins jenħtieġ japplikaw anki għall-monitors għax l-aspetti komuni fil-funzjonalità bejn dawn l-unitajiet tal-wiri u t-televixins qed jiżiedu b'ritmu mgħagħgel. Minbarra dan, l-unitajiet tal-wiri tas-sinjalar diġitali ġew elenkati b'mod speċifiku fil-pjan ta' ħidma 2016-2019 dwar l-ekodisinn li għandha l-Kummissjoni biex jitqiesu fir-rieżami tar-Regolamenti eżistenti għat-televixins. Għalhekk il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jenħtieġ ikun jinkludi l-unitajiet tal-wiri elettroniċi, inkluż it-televixins, il-monitors u l-unitajiet tal-wiri tas-sinjalar diġitali.
- (9) Il-konsum annwali tal-enerġija tat-televixins fl-Unjoni fl-2016 kien aktar minn 3 % tal-konsum tal-elettriku tal-Unjoni Ewropea. Il-konsum proġettat tal-enerġija tat-televixins, tal-monitors u tal-unitajiet tal-wiri tas-sinjalar diġitali f'xenarju ta' status quo mistenni joqrob lejn il-100 TWh/sena fl-2030. Hu stmat li dan ir-Regolament, flimkien mar-Regolament dwar it-tikkettar tal-enerġija li jakkumpanjah, se jnaqqsu l-konsum finali annwali tal-enerġija sa 39 TWh/sena sal-2030.
- (10) Il-funzjoni li fiha medda dinamika qawwija (HDR) tista' twassal għal użu differenti tal-enerġija, u dan jissuġġerixxi li tinħoloq indikazzjoni separata tal-effiċjenza enerġetika għal din il-funzjoni.
- (11) L-informazzjoni mogħtija fuq it-tikketta għall-unitajiet tal-wiri elettroniċi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jenħtieġ tinkiseb bi proċeduri tal-kejl affidabbli, preċiżi u ripetibbli, li jqisu l-aktar metodi tal-kejl avvanzati rikonoxxuti inkluż, meta disponibbli, standards armonizzati adottati mill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni, kif elenkat fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁾.
- (12) Filwaqt li tingħaraf iż-żieda fil-bejgħ tal-prodotti relatati mal-enerġija mill-pjattaformi ospitanti tal-bejgħ fuq l-Internet, aktar milli direttament minn fuq is-siti web tal-fornituri u tal-bejgiegħa, jenħtieġ jiġi ċċarat li l-pjattaformi tal-bejgħ fuq l-Internet jenħtieġ ikunu responsabbli li jippermettu t-turija tat-tikketta mogħtija mill-fornitur viċin il-prezz. Jenħtieġ li dawn jinfurmaw lill-bejgiegħa dwar dan l-obbligu, iżda jenħtieġ ma jkunux responsabbli għall-preċiżjoni jew għall-kontenut fuq it-tikketta u fuq l-iskeda informattiva dwar il-prodott mogħtija. Madankollu, fl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(1)(b) tad-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾ dwar il-kummerċ elettroniku, dawn il-pjattaformi ospitanti tal-bejgħ fuq l-Internet jenħtieġ jaġixxu mingħajr dewmien biex iwaqqfu jew jiddiżattivaw l-aċċess għall-informazzjoni dwar il-prodott inkwistjoni, jekk dawn ikunu konxji li hemm nuqqas ta' konformità (eż. tikketta jew skeda informattiva dwar il-prodott neqsin, mhux kompluti, jew skorretti), pereżempju jekk ikunu infurmati mill-awtorità tas-sorveljanza tas-suq. Il-fornituri li jbigħu direttament lill-utenti finali permezz tas-sit web tagħhom stess huma koperti bl-obbligi tal-bejgiegħa dwar il-bejgħ mill-bogħod imsemmija fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2017/1369.
- (13) Jenħtieġ li l-unitajiet tal-wiri elettroniċi murija waqt il-fieri jkollhom it-tikketta tal-enerġija, jekk l-ewwel unità tal-mudell tkun diġà tqiegħdet fis-suq jew tkun qed titqiegħed fis-suq permezz tal-fiera.
- (14) Biex titjieb l-effikaċja ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jkun pprojbiti l-prodotti li jibdli awtomatikament il-prestazzjoni tagħhom fil-kundizzjonijiet tat-test biex itejbu l-parametri ddikjarati.
- (15) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament ġew diskussi mill-Forum Konsultattiv u mill-espetti tal-Istati Membri skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2017/1369.
- (16) Jenħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) Nru 1062/2010 jiħassar.

⁽⁶⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12)

⁽⁷⁾ Id-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern, (ĠU L 178, 17.7.2000, p. 1).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi rekwiżiti tat-tikkettar u tal-ġhoti ta' informazzjoni supplimentari dwar il-prodott fuq l-unitajiet tal-wiri elettroniċi, inkluż it-televixins, il-monitors u l-unitajiet tal-wiri tas-sinjalar diġitali.

2. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għal dawn li ġejjin:

- (a) l-unitajiet tal-wiri elettroniċi b'erja tal-iskrin ta' 100 ċentimetru kwadru jew inqas;
- (b) il-proġetturi;
- (c) is-sistemi komprensivi tal-vidjokonferenzi;
- (d) l-unitajiet tal-wiri mediċi;
- (e) headsets tar-realtà virtwali;
- (f) unitajiet tal-wiri integrati jew li jridu jiġu integrati fil-prodotti elenkati fil-punti 3(a) u 4 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2012/19/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*);
- (g) unitajiet tal-wiri li huma komponenti jew subassemblaġġi ta' prodotti koperti b'miżuri ta' implimentazzjoni adottati skont id-Direttiva 2009/125/KE;
- (h) l-unitajiet tal-wiri tax-xandir;
- (i) l-unitajiet tal-wiri tas-sigurtà;
- (j) il-whiteboards interattivi diġitali;
- (k) il-frejms tar-ritratti diġitali;
- (l) l-unitajiet tal-wiri tas-sinjalar diġitali li jissodisfaw xi waħda mill-karatteristiċi li ġejjin:
 - (1) iddisinjati u mibnija bħala modulu tal-viżwalizzazzjoni li jrid jiġi integrat bħala erja parzjali tal-immaġni ta' erja akbar tal-iskrin tal-unità tal-wiri u li ma jkunux maħsuba biex jintużaw bħala apparat waħdu tal-unità tal-wiri;
 - (2) distribwiti bħala ħaġa waħda fi kjużura għal użu permanenti fuq barra;
 - (3) distribwiti bħala ħaġa waħda fi kjużura b'erja tal-iskrin li tkun inqas minn 30 dm² jew iżjed minn 130 dm²;
 - (4) id-densità tal-pixels tal-unità tal-wiri tkun inqas minn 230 pixel/cm² jew aktar minn 3 025 pixel/cm²;
 - (5) il-luminanza bajda massima waqt modalità ta' operazzjoni b'medda dinamika standard (SDR) tkun 1 000 cd/m² jew iżjed;
 - (6) l-ebda interfaċċja tal-input tas-sinjal tal-vidjow u drive tal-unità tal-wiri li jippermettu l-wiri korrett ta' sekwenza dinamika standardizzata tat-test tal-vidjow għall-finijiet ta' kejl tal-enerġija;
- (m) unitajiet tal-wiri tal-istatus;
- (n) panelli tal-kontroll.

(*) Id-Direttiva 2012/19/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (WEEE), (ĠU L 197, 24.7.2012, p. 38).

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) *“unità tal-wiri elettronika”* tfisser skrin tal-wiri u l-elettroniki assoċjati li l-funzjoni primarja tagħhom tkun il-wiri ta' informazzjoni viżwali minn sorsi bil-wajer jew mingħajru;
- (2) *“televixin”* tfisser unità tal-wiri elettronika maħsuba primarjament biex turi u tirċievi sinjali awdjovivi, u li tkun tikkonsisti minn unità tal-wiri elettronika u minn tuner/riċevitur wieħed jew aktar;
- (3) *“tuner/riċevitur”* tfisser ċirkwit elettroniku li jaqbad sinjal tax-xandir tat-televixin, bħad-diġitali terrestri jew bis-satel-lita, iżda mhux unikast bl-Internet, u jiffaċilita l-għażla ta' stazzjon tat-televixin minn grupp ta' stazzjonijiet tax-xandir;
- (4) *“moniter”* jew *“moniter tal-kompjuter”* jew *“unità tal-wiri tal-kompjuter”* tfisser unità tal-wiri elettronika maħsuba għal persuna waħda biex taraha mill-viċin, ngħidu aħna fuq skrivanija;
- (5) *“frejm tar-ritratti diġitali”* tfisser unità tal-wiri elettronika maħsuba biex turi esklussivament informazzjoni viżwali fissa;
- (6) *“proġettur”* tfisser apparat ottiku għall-ipproċessar ta' informazzjoni ta' immaġni vidjo analoga jew diġitali, bi kwalunkwe format, li jimmodula sors ta' dawl u jipproġetta l-immaġni li tirriżulta fuq wiċċ estern;
- (7) *“unità tal-wiri ta' status”* tfisser unità tal-wiri li tintuża biex turi informazzjoni sempliċi iżda li tkun qed tinbidel bħal xi stazzjon magħżul, il-ħin jew il-konsum tal-enerġija. Indikatur sempliċi tad-dawl ma jitqiesx bħala unità tal-wiri ta' status;
- (8) *“panella tal-kontroll”* tfisser unità tal-wiri elettronika li l-funzjoni ewlenija tagħha hi li turi immaġnijiet assoċjati mal-istatus operatorju tal-prodott; din tista' tipprovdi interazzjoni mal-utent permezz tal-mess jew b'mezzi oħra li jikkontrollaw it-tħaddim tal-prodott. Din tista' tiġi integrata fil-prodotti jew tiġi ddisinjata b'mod speċifiku u kkummerċjalizzata biex tintuża esklussivament mal-prodott.
- (9) *“sistema komprensiva tal-vidjokonferenzi”* tfisser sistema apposta mfassla għall-vidjokonferenzi u l-kollaborazzjoni, integrata fi kjużura waħda, li l-ispeċifikazzjonijiet tagħha għandhom jinkludu dawn il-karatteristiċi kollha li ġejjin:
 - (a) appoġġ għall-protokoll speċifiku tal-vidjokonferenzi ITU-T H.323 jew IETF SIP kif mogħti mill-manifattur;
 - (b) kamera(s), unitajiet tal-wiri u kapaciťajiet tal-ipproċessar għal vidjo bidirezzjonali f'ħin reali, inkluż reżiljenza għat-telfien tal-pakketti;
 - (c) loudspeaker u kapaciťajiet tal-ipproċessar tal-awdjo għal awdjo bidirezzjonali handsfree f'ħin reali, inkluż it-tneħħija tal-eku;
 - (d) funzjoni ta' kriptaġġ;
 - (e) HiNA.
- (10) *“HiNA”* tfisser id-Disponibbiltà Għolja tan-Netwerk (HiNA) kif definita fl-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1275/2008 ⁽⁹⁾;
- (11) *“unità tal-wiri tax-xandir”* tfisser unità tal-wiri elettronika maħsuba u kkummerċjalizzata għal użu professjonali mix-xandara u d-djar tal-produzzjoni tal-vidjo biex joħlqu kontenut vidjo. L-ispeċifikazzjoni tagħha għandha tinkludi dawn il-karatteristiċi kollha li ġejjin:
 - (a) funzjoni ta' kalibrazzjoni tal-kulur;

⁽⁹⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1275/2008 tas-17 ta' Diċembru 2008 li jimplimenta d-Direttiva 2005/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-reqwiżiti tal-ekodisinn għall-konsum tal-elettriku ta' tagħmir tal-elettriku u elettroniku tad-dar u tal-uffiċċju fil-modalitajiet standby u mitfi u fil-modalità standby ta' netwerk (ĠU L 339, 18.12.2008, p. 45).

- (b) funzjoni ta' analiżi tas-sinjal tal-input għall-monitoraġġ tas-sinjal tal-input u għad-detezzjoni tal-erruri, bħal monitor tal-forom tal-mewġ/vetturskopju, l-aġġustamenti tal-RGB, faċilità ta' verifika tal-istatus tas-sinjal tal-vidjo b'riżoluzzjoni reali tal-pixels, il-modalità interlace u l-marker tal-unità tal-wiri;
 - (c) Interfaċċa Diġitali Serjali (SDI) jew Video over IP (VoIP) integrati mal-prodott;
 - (d) mhux għall-użu f'żoni pubbliċi.
- (12) *"whiteboard interattiv diġitali"* tfisser unità tal-wiri elettronika li tippermetti interazzjoni diretta tal-utent mal-immaġni murija. Il-whiteboard interattiv diġitali hu maħsub primarjament għal preżentazzjonijiet, lezzjonijiet jew kollaborazzjoni mill-bogħod, inkluż għal trażmissjoni ta' sinjali awdjo u vidjo. L-ispeċifikazzjoni tagħha għandha tinkludi l-karatteristiċi kollha li ġejjin:
- (a) maħsuba primarjament biex tiġi installata mdendla, immuntata fuq stend mal-art, imqiegħda fuq xkaffa jew desktop jew imwahnha ma' struttura fiżika għall-wiri pubbliku;
 - (b) tintuża bilfors ma' softwer tal-kompjuter b'funzjonalitajiet speċifiċi għall-ġestjoni tal-kontenut u l-interazzjoni;
 - (c) integrata jew iddisinjata biex tintuża speċifikament ma' kompjuter biex jitħaddem is-softwer fil-punt (b);
 - (d) erja tal-iskrin tal-unità tal-wiri akbar minn 40 dm²;
 - (e) interazzjoni tal-utent bil-mess permezz ta' suba' jew pinna, jew b'mezzi oħra bħal id, mossa tal-id jew bil-vuċi.
- (13) *"unità tal-wiri tas-sigurtà"* tfisser unità tal-wiri elettronika li l-ispeċifikazzjoni tagħha għandha tinkludi l-karatteristiċi kollha li ġejjin:
- (a) funzjoni ta' awtomonitoraġġ li kapaċi tikkomunika għallinqas waħda mill-informazzjoni li ġejja lil server remot:
 - l-istatus tal-enerġija;
 - it-temperatura interna minn sensur termiku kontra t-tagħbija eċċessiva;
 - is-sors tal-vidjo;
 - is-sors tal-awdjo u l-istatus tal-awdjo (volum/bla ħoss);
 - il-mudell u l-verżjoni tal-firmwer;
 - (b) il-fattur tal-forma speċjalista speċifikat mill-utent li jiffaċilita l-installazzjoni tal-unità tal-wiri f'housings jew consoles professjonali.
- (14) *"unità tal-wiri tas-sinjalar diġitali"* tfisser unità tal-wiri elettronika maħsuba primarjament għall-wiri pubbliku f'ambjenti li mhumiex ibbażati fuq desktop u li mhumiex domestiċi. L-ispeċifikazzjoni tagħha għandha tinkludi dawn il-karatteristiċi kollha li ġejjin:
- (a) identifikatur uniku li jkun jista' jindirizza lil unità tal-wiri speċifika;
 - (b) funzjoni li tiddiżattiva l-aċċess mhux awtorizzat għall-konfigurazzjonijiet tal-unità tal-wiri u l-immaġni murija;
 - (c) konnessjoni ta' netwerk (li tinkludi kemm interfaċċja bil-wajers jew mingħajr wajers) għall-kontroll, il-monitoraġġ jew ir-riċeviment tal-informazzjoni li trid tintwera, u li tkun ġejja mingħand sorsi unicast jew multicast remoti iżda mhux mingħand sorsi tax-xandir;
 - (d) maħsuba biex tiġi installata mdendla, immuntata jew imwahnha ma' struttura fiżika għall-wiri pubbliku u mhux imqiegħda fis-suq bi stend mal-art;
 - (e) ma tintegrax tuner li juri s-sinjali tax-xandir.

- (15) “*integrata*”, b’referenza għal unità tal-wiri li tkun parti minn prodott ieħor bħala komponent funzjonali, tfisser unità tal-wiri elettronika li ma tistax taħdem b’mod indipendenti mill-prodott u li tiddependi fuqu biex twettaq il-funzjonijiet tagħha, inkluż l-enerġija;
- (16) “*unità tal-wiri medika*” tfisser unità tal-wiri elettronika koperta mill-kamp ta’ applikazzjoni ta’:
- (a) id-Direttiva tal-Kunsill 93/42/KEE ⁽¹⁰⁾ dwar mezzi mediċi; jew
 - (b) ir-Regolament (UE) 2017/745 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹¹⁾ dwar apparati mediċi; jew
 - (c) id-Direttiva tal-Kunsill 90/385/KEE ⁽¹²⁾ dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri rigward il-mezzi mediċi attivi li jiddaħħlu f’xi parti tal-ġisem; jew
 - (d) id-Direttiva 98/79/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹³⁾ dwar il-mezzi mediċi dijanjostiċi in vitro; jew
 - (e) ir-Regolament (UE) 2017/746 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁴⁾ dwar apparati mediċi dijanjostiċi in vitro;
- (17) “*moniter tal-grad 1*” tfisser moniter għall-evalwazzjoni tal-kwalità teknika ta’ livell għoli tal-immaġnijiet f’punti ewlenin ta’ fluss tax-xogħol waqt il-produzzjoni jew ix-xandir, bħall-ġbid ta’ immaġnijiet, il-postproduzzjoni, it-trażmissjoni u l-ħżin;
- (18) “*erja tal-iskrin*” tfisser l-erja viżibbli tal-unità tal-wiri elettronika kkalkulata b’multiplikazzjoni tal-wisa’ tal-immaġnijiet viżibbli massima bit-tul tal-immaġnijiet viżibbli massima matul is-superfiċje tal-panell (kemm ċatt jew kurvati);
- (19) “*headset tar-realtà virtwali*” tfisser apparat li jintlibes mar-ras u li jipprovi realtà virtwali immersibbli lil min jilbsu billi jurih immaġnijiet stereoskopici f’kull għajnejh b’funzjonijiet li jitraċċaw iċ-ċaqliq tar-ras;
- (20) “*punt tal-bejgħ*” tfisser il-post fejn jintwerew l-unitajiet tal-wiri elettroniċi, jew fejn ikunu offruti għall-bejgħ, għall-kiri, jew għall-bejgħ bin-nifs.

Artikolu 3

Obbligi tal-fornituri

1. Il-fornituri għandhom jiżguraw li:
- (a) kull unità tal-wiri elettronika tiġi fornuta b’tikketta stampata u li jkun fiha l-informazzjoni stipulata fl-Anness III;
 - (b) il-parametri tal-iskeda informattiva dwar il-prodott, kif stipulat fl-Anness V, jiddaħħlu fil-bażi tad-*data* tal-prodotti;
 - (c) jekk jintalab b’mod speċifiku min-negozjant, l-iskeda informattiva dwar il-prodott għandha tkun disponibbli b’mod stampat;
 - (d) il-kontenut tad-dokumentazzjoni teknika, kif stipulat fl-Anness VI, jiddaħħal fil-bażi tad-*data* tal-prodotti;

⁽¹⁰⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 93/42/KEE tal-14 ta’ Ġunju 1993 dwar mezzi mediċi (ĠU L 169, 12.7.1993, p. 1).

⁽¹¹⁾ Ir-Regolament (UE) 2017/745 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta’ April 2017 dwar apparati mediċi, li jemenda d-Direttiva 2001/83/KE, ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 u r-Regolament (KE) Nru 1223/2009 u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 90/385/KEE u 93/42/KEE (ĠU L 117, 5.5.2017, p. 1).

⁽¹²⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 90/385/KEE tal-20 ta’ Ġunju 1990 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri rigward il-mezzi mediċi attivi li jiddaħħlu f’xi parti tal-ġisem (ĠU L 189, 20.7.1990, p. 17).

⁽¹³⁾ Id-Direttiva 98/79/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta’ Ottubru 1998 dwar il-mezzi mediċi dijanjostiċi in vitro (ĠU L 331, 7.12.1998, p. 1).

⁽¹⁴⁾ Ir-Regolament (UE) 2017/746 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta’ April 2017 dwar apparati mediċi dijanjostiċi in vitro u li jħassar id-Direttiva 98/79/KE u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/227/UE (ĠU L 117, 5.5.2017, p. 176).

- (e) kull reklam viżiv ta' mudell speċifiku ta' unità tal-wiri elettronika, inkluż fuq l-Internet, għandu juri l-klassi tal-effiċjenza enerġetika u l-firxa ta' klassijiet tal-effiċjenza enerġetika disponibbli fuq it-tikketta b'konformità mal-Anness VII u mal-Anness VIII;
- (f) kull materjal promozzjonali tekniku dwar mudell speċifiku ta' unità tal-wiri elettronika, inkluż fuq l-Internet, li jiddeskrivi l-parametri tekniċi speċifiċi tiegħu, għandu juri l-klassi tal-effiċjenza enerġetika ta' dak il-mudell u l-firxa ta' klassijiet tal-effiċjenza enerġetika disponibbli fuq it-tikketta, b'konformità mal-Anness VII;
- (g) tikketta elettronika bil-format u bl-informazzjoni kif stabbilit fl-Anness III għandha ssir disponibbli għan-negozjanti għal kull mudell ta' unità tal-wiri elettronika;
- (h) l-iskeda informattiva dwar il-prodott elettroniku, kif stipulat fl-Anness V, għandha ssir disponibbli għan-negozjanti għal kull mudell ta' unità tal-wiri elettronika;
- (i) minbarra l-punt (a), it-tikketta għandha tiġi stampata fuq l-imballaġġ jew titwaha fuqu.

2. Il-klassijiet tal-effiċjenza enerġetika għandhom ikunu msejsa fuq l-indiċi tal-effiċjenza enerġetika kkalkulat skont l-Anness II.

Artikolu 4

Obbligi għan-negozjanti

Il-bejjiegħa għandhom jiżguraw li:

- (a) kull unità tal-wiri elettronika, waqt il-bejgħ, inkluż waqt il-fieri, ikollha t-tikketta mogħtija mill-fornituri skont il-punt 1(a) tal-Artikolu 3 murija fuq quddiem tal-apparat jew imdendla miegħu jew imqiegħda b'tali mod li tkun tidher b'mod ċar u li tkun assoċjata b'mod inekwivoku mal-mudell speċifiku; diment li l-unità tal-wiri elettronika tinżamm fil-modalità Mixgħul meta tkun qed tintwera lill-konsumaturi biex tinbiegħ, it-tikketta elettronika skont il-punt 1(g) tal-Artikolu 3 murija fuq l-iskrin tista' tinbidel b'tikketta stampata;
- (b) meta l-mudell ta' unità tal-wiri elettronika jintwera waqt il-bejgħ mingħajr xi unità murija barra mill-imballaġġ, it-tikketta stampata fuq l-imballaġġ jew imwaha fuqu għandha tkun viżibbli;
- (c) fil-każ ta' bejgħ mill-bogħod jew telebejgħ, it-tikketta u l-iskeda informattiva dwar il-prodott għandhom jingħataw skont l-Annessi VII u VIII;
- (d) kull reklam viżiv ta' mudell speċifiku ta' unità tal-wiri elettronika, inkluż fuq l-Internet, għandu juri l-klassi tal-effiċjenza enerġetika u l-firxa ta' klassijiet tal-effiċjenza enerġetika disponibbli fuq it-tikketta b'konformità mal-Anness VII;
- (e) kull materjal promozzjonali tekniku dwar mudell speċifiku ta' unità tal-wiri elettronika, inkluż il-materjal promozzjonali tekniku fuq l-Internet, li jiddeskrivi l-parametri tekniċi speċifiċi tiegħu, għandu juri l-klassi tal-effiċjenza enerġetika ta' dak il-mudell u l-firxa ta' klassijiet tal-effiċjenza enerġetika disponibbli fuq it-tikketta, b'konformità mal-Anness VII.

Artikolu 5

Obbligi tal-fornituri tas-servizzi fuq pjattaformi tal-hosting tal-Internet

Meta fornitur tas-servizzi tal-hosting kif imsemmi fl-Artikolu 14 tad-Direttiva 2000/31/KE jippermetti l-bejgħ ta' unitajiet tal-wiri elettroniki fuq is-sit tal-Internet tiegħu, il-fornitur tas-servizzi għandu jippermetti li tintwera tikketta elettronika u skeda informattiva elettronika dwar il-prodott mogħtija min-negozjant fuq il-mekkaniżmu tal-unità tal-wiri skont id-dispożizzjonijiet tal-Anness VIII u għandu jinforma lin-negozjant dwar l-obbligu li jurihom.

*Artikolu 6***Metodi tal-kejl**

L-informazzjoni li għandha tingħata skont l-Artikoli 3 u 4 għandha tinkiseb b'metodi tal-kejl u tal-kalkolu li jkunu affidabbli, preċiżi u riproduċibbli, u li jqisu l-aktar metodi tal-kejl u tal-kalkolu avvanzati rrikonoxxuti, kif stipulat fl-Anness IV.

*Artikolu 7***Proċedura ta' verifika għall-finijiet tas-sorveljanza tas-suq**

L-Istati Membri għandhom japplikaw il-proċedura ta' verifika stabbilita fl-Anness IX meta jkunu qed iwettqu l-kontrolli tas-sorveljanza tas-suq imsemmija fil-paragrafu 3 tal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2017/1369.

*Artikolu 8***Rieżami**

Il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami ta' dan ir-Regolament fid-dawl tal-progress teknoloġiku u tippreżenta r-riżultati ta' dan ir-rieżami inkluż, jekk xieraq, abbozz ta' proposta għal reviżjoni, lill-Forum tal-Konsultazzjoni sa mhux aktar tard mill-25 ta' Diċembru 2022.

B'mod partikolari, ir-rieżami għandu jivvaluta dan li ġej:

- (a) jekk hux xieraq jew jekk għadux xieraq li jkollu kategorizzazzjonijiet separati tal-enerġija għall-SDR u għall-HDR;
- (b) it-tolleranzi tal-verifika stipulati fl-Anness IX;
- (c) jekk hemmx unitajiet tal-wiri elettroniċi oħra li jenħtieġ jiddaħħlu fil-kamp ta' applikazzjoni;
- (d) l-adeqwatezza tal-bilanċ ta' strettezza bejn prodotti akbar u prodotti iżgħar;
- (e) jekk hux fattibbli li jinħolqu metodi xierqa ta' notifika għall-konsum tal-enerġija;
- (f) il-possibbiltà li jiġu indirizzati aspetti tal-ekonomija ċirkolari.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha teżamina mill-ġdid it-tikketta biex twettaq riklassifikazzjoni meta jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2017/1369.

*Artikolu 9***Tħassir**

Ir-Regolament Delegat (UE) Nru 1062/2010 hu revokat mill-1 ta' Marzu 2021.

*Artikolu 10***Miżuri tranżitorji**

Minn mill-25 ta' Diċembru 2019 sat-28 ta' Frar 2021, l-iskeda informattiva dwar il-prodott li jeżiġi l-punt 1(b) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 1062/2010 tista' ssir disponibbli permezz tal-bażi tad-*data* tal-prodotti minflok ma tingħata b'mod stampata mal-prodott. F'dak il-każ, il-fornitur għandu jiżgura li, jekk jintalab speċifikament mill-bejgħ, l-iskeda informattiva dwar il-prodott issir disponibbli b'mod stampat.

*Artikolu 11***Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan għandu japplika mill-1 ta' Marzu 2021. Madankollu, il-punt 1(a) tal-Artikolu 3 għandu japplika mill-1 ta' Novembru 2020.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Marzu 2019.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNEX I

Definizzjonijiet għall-finijiet tal-Annessi

Għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) “*indiċi tal-effiċjenza enerġetika*” (EEI) tfisser numru tal-indiċi għall-effiċjenza enerġetika relattiva ta’ unità tal-wiri elettronika, kif stabbilit fil-punt B tal-Anness II;
- (2) “*Medda Dinamika Qawwija (HDR)*” tfisser metodu li jżid il-proporzjon tal-kuntrast tal-immaġni ta’ unità tal-wiri elettronika billi juża *metadata* ġġenerata waqt il-ħolqien tal-materjal vidjo u li ċ-ċirkwiterija tal-ġestjoni tal-unità tal-wiri tinterpreta biex tipproduċi proporzjon tal-kuntrast u tal-apparenza tal-kulur li għajnejn il-bniedem jarawh aktar realistiku minn dak miksub mill-unitajiet tal-wiri li mhumiex kompatibbli mal-HDR;
- (3) “*proporzjon tal-kuntrast*” tfisser id-differenza bejn il-luminożità massima u l-livell iswed f’immaġni;
- (4) “*luminanza*” tfisser il-kejl fotometriku tal-intensità luminuża għal kull unità ta’ erja tad-dawl li jkun sejjer f’direz-zjoni partikolari, espress f’unitajiet ta’ kandel għal kull metru kwadru (cd/m^2). Sikwit jintuża t-terminu “*luminożità*” biex tiġi kwalifikata b’mod ‘suġġettiv’ il-luminanza tal-unità tal-wiri elettronika;
- (5) “*Kontroll Awtomatiku tal-Luminożità (ABC)*” tfisser il-mekkaniżmu awtomatiku li, meta jkun attiv, jikkontrolla l-luminożità tal-unità tal-wiri elettronika bħala funzjoni tal-livell tad-dawl ambjentali li jdawwal is-superfiċje tal-unità tal-wiri;
- (6) “*prestabbilita*”, li tirreferi għal karatteristika speċifika jew konfigurazzjoni, tfisser il-valur ta’ karatteristika speċifika kif stabbilita fil-fabbrika u disponibbli meta l-utent juża l-prodott għall-ewwel darba jew wara li jagħmel azzjoni li treġġa’ lura l-konfigurazzjonijiet tal-fabbrika, jekk il-prodott ikun jippermetti dan;
- (7) “*pixel (element ta’ stampa)*” tfisser l-erja tal-iċken element ta’ stampa li jista’ jinfired mill-elementi ġirien tiegħu;
- (8) “*modalità mixgħul*” jew “*modalità attiv*” tfisser kundizzjoni meta l-unità tal-wiri elettronika tkun imqabbda ma’ sors tal-elettriku, tkun ġiet attivata, u tkun qed taqdi waħda jew aktar mill-funzjonijiet tagħha tal-wiri;
- (9) “*menù obligatorju*” tfisser menù speċifiku, li jidher malli l-utent jixeghel l-unità tal-wiri għall-ewwel darba jew meta jagħmel azzjoni li treġġa’ lura l-konfigurazzjonijiet tal-fabbrika, li joffri diversi konfigurazzjonijiet għall-unità tal-wiri, predefiniti mill-fornitur;
- (10) “*konfigurazzjoni normali*” tfisser konfigurazzjoni tal-unità tal-wiri li l-fornitur jirrakkomanda lill-utenti finali u li tkun il-konfigurazzjoni inizjali tal-menù jew il-konfigurazzjoni tal-fabbrika li tingħata l-unità tal-wiri elettronika skont l-użu maħsub tal-prodott. Din jeħtieġ li tagħti l-aqwa kwalità lill-utent finali fl-ambjent intiż u għall-użu intiż. Il-konfigurazzjoni normali hi l-kundizzjoni li fiha jitkejl l-valuri waqt il-modalitajiet mitfi, standby, standby man-network u mixgħul;
- (11) “*l-aktar kundizzjoni luminuża tal-modalità mixgħul*” tfisser il-konfigurazzjoni tal-unità tal-wiri elettronika, stabbilita minn qabel mill-fornitur, li tipprovdi stampa aċċettabbli bl-akbar luminanza mkejla;
- (12) “*konfigurazzjoni tal-ħanut*” tfisser il-konfigurazzjoni tal-unità tal-wiri elettronika għal użu speċifiku fil-kuntest biex tintwera l-unità tal-wiri elettronika, pereżempju f’kundizzjonijiet ta’ dawl qawwi (ġo ħanut) u li ma jkunx jinvolvu t-tifi awtomatiku jekk ma jinħassu l-ebda azzjoni jew preżenza tal-utent;
- (13) “*senser tal-preżenza fil-kamra*” jew “*senser tar-rikonoxximent tal-mossi*” jew “*senser tal-okkupanza*” tfisser senser li jim-monitorja u jirreaġixxi għall-movimenti fl-ispazju ta’ madwar il-prodott li s-sinjal tiegħu jista’ jwassal għall-attivazzjoni tal-modalità mixgħul. Jekk ma jinqabad l-ebda moviment għal ammont ta’ żmien determinat minn qabel, ikun jista’ jsir qlib għall-modalità standby jew għall-modalità standby tan-network;
- (14) “*modalità mitfi*” tfisser kundizzjoni meta l-unità tal-wiri elettronika tkun imqabbda mas-sors ewlieni tal-elettriku iżda ma tkun qed tipprovdi l-ebda funzjoni: il-kundizzjonijiet li ġejjin ukoll għandhom jitqiesu bħala kundizzjonijiet ta’ modalità mitfi:
 - (1) kundizzjonijiet li jipprovdu biss indikazzjoni tal-kundizzjoni tal-modalità mitfi;
 - (2) kundizzjonijiet li jipprovdu biss funzjonijiet maħsubin biex jiżguraw il-kompatibbiltà elettromanjetika skont id-Direttiva 2014/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾;

⁽¹⁾ Id-Direttiva 2014/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta’ Frar 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mal-kompatibbiltà elettromanjetika (ĠU L 96, 29.3.2014, p. 79).

- (15) “*modalità standby*” tfisser kundizzjoni meta l-unità tal-wiri elettronika tkun imqabbda mal-mejns jew ma’ sors tal-elettriku DC, tkun tiddependi fuq l-input tal-enerġija minn dak is-sors biex taħdem kif suppost u tkun taqdi biss dawn il-funzjonijiet li ġejjin, li tista’ tibqa’ attiva għal żmien indefinit:
- funzjoni ta’ riattivazzjoni, inkella funzjoni ta’ riattivazzjoni u indikazzjoni biss ta’ funzjoni ta’ riattivazzjoni attivata; u/jew
 - unità tal-wiri tal-informazzjoni jew tal-istatus;
- (16) “*funzjoni ta’ riattivazzjoni*” tfisser funzjoni li bi swiċċ mill-bogħod, unità ta’ kontroll mill-bogħod, senser intern, kromometru jew, għall-unitajiet tal-wiri f’network b’modalità standby man-network, in-network, tipprovdi qlib minn modalità standby jew modalità standby man-network għal modalità oħra, għajr il-modalità mitfi, li tkun tipprovdi funzjonijiet addizzjonali;
- (17) “*mekkaniżmu tal-wiri*” tfisser skrin, inkluż l-iskrins tattili jew teknoloġija viżiva oħra, li jintuża biex l-utenti jaraw il-kontenut tal-Internet;
- (18) “*nested display*” tfisser interfaċċja viżiva fejn wieħed ikollu aċċess għal immaġni jew għal sett tad-*data* billi jagħfas fuqhom bil-maws, jew billi jmur fuqhom bil-maws, jew billi jwessa’ l-iskrin tattili ta’ immaġni oħra jew ta’ sett ieħor tad-*data*;
- (19) “*skrin tattili*” tfisser skrin li jaħdem bil-mess, bħal dak tat-tablets, tal-kompjuters tat-tip slate jew tal-smartphones;
- (20) “*test alternattiv*” tfisser test mogħti bħala alternattiva għal grafika li tippermetti li l-informazzjoni tiġi ppreżentata b’għamla mhux grafika meta l-apparat tal-unità tal-wiri ma jkunx jista’ juri l-grafika, jew bħala għajnuna għall-aċċessibbiltà bħala input għal applikazzjonijiet tal-produzzjoni artifiċjali tal-vuċi;
- (21) “*Provvista tal-Enerġija Esterna (EPS)*” tfisser apparat kif definit fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/1782 ⁽²⁾;
- (22) “*EPS standardizzata*” tfisser provvista tal-elettriku esterna mfassla biex tipprovdi l-enerġija lil diversi apparati u li tkun konformi ma’ standard maħruġ minn organizzazzjoni internazzjonali tal-istandardizzazzjoni;
- (23) “*kodiċi ta’ Rispons Rapidu (QR)*” tfisser barcode matriċi li tkun fuq it-tikketta tal-enerġija ta’ mudell tal-prodott u li tkun marbuta mal-informazzjoni dwar il-mudell fil-parti pubblika tal-bażi tad-*data* tal-prodotti;
- (24) “*network*” tfisser infrastruttura tal-komunikazzjoni b’topoloġija ta’ konnessjonijiet u arkitettura li tinkludi l-komponenti fiżiċi, il-prinċipji organizzattivi u l-proċeduri u l-formati tal-komunikazzjoni (il-protokoll);
- (25) “*interfaċċja tan-network*” (jew “*port tan-network*”) tfisser interfaċċja fiżika, bil-wajers jew mingħajrhom, li tipprovdi konnessjoni tan-network u li permezz tagħha l-funzjonijiet tal-unità tal-wiri elettronika jkun jistgħu jiġu attivati mill-bogħod u tasal u tintbagħat id-*data*. L-interfaċċji għall-input tad-*data* bħala sinjali vidjo u awdjo, iżda li ma joriġinawx minn sors tan-network u permezz ta’ indirizz ta’ network, ma jitqisux bħala interfaċċja tan-network;
- (26) “*disponibbiltà ta’ network*” tfisser il-kapaċità ta’ unità tal-wiri elektroniku li tattiva funzjonijiet wara li interfaċċja tan-network tinduna li skatta kmand mill-bogħod;
- (27) “*unità tal-wiri mqabbda ma’ network*” tfisser unità tal-wiri elektronika li tista’ tiġi mqabbda ma’ network permezz ta’ port wieħed jew aktar tan-network;
- (28) “*modalità standby man-network*” tfisser il-kundizzjoni li fiha t-tagħmir ikun jista’ jerġa’ jħaddem funzjoni permezz ta’ kmand mill-bogħod li jingħata minn interfaċċja ta’ network.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/1782 tal-1 ta’ Ottubru 2019 li jistabbilixxi r-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-provvisti tal-elettriku esterni skont id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 278/2009 (ĠU L 272, 25.10.2019, p. 95).

ANNEX II

A. Klassijiet tal-effiċjenza enerġetika

Il-klassi tal-effiċjenza enerġetika tal-unitajiet tal-wiri elettroniċi għandha tiġi ddeterminata abbażi tal-indiċi tal-effiċjenza enerġetika (EEL_{label}) kif stipulat fit-Tabella 1. $L-EEL_{label}$ ta' unità tal-wiri elettronika għandu jiġi ddeterminat skont il-Parti B ta' dan l-Anness.

Tabella 1

Il-klassijiet tal-effiċjenza enerġetika tal-unitajiet tal-wiri elettroniċi

Klassi tal-Effiċjenza Enerġetika	Indiċi tal-Effiċjenza Enerġetika (EEL_{label})
A	$EEL_{label} < 0,30$
B	$0,30 \leq EEL_{label} < 0,40$
C	$0,40 \leq EEL_{label} < 0,50$
D	$0,50 \leq EEL_{label} < 0,60$
E	$0,60 \leq EEL_{label} < 0,75$
F	$0,75 \leq EEL_{label} < 0,90$
G	$0,90 \leq EEL_{label}$

B. Indiċi tal-Effiċjenza Enerġetika (EEL_{label})

L-Indiċi tal-Effiċjenza Enerġetika (EEL_{label}) ta' unità tal-wiri elettronika għandu jiġi kkalkulat bl-ekwazzjoni li ġejja:

$$EEL_{label} = \frac{(P_{measured} + 1)}{(3 \times [90 \times \tanh(0,025 + 0,0035 \times (A - 11) + 4)] + 3) + corr_1}$$

fejn:

A tirrappreżenta l-erja tas-superficie viżibbli f'dm²;

$P_{measured}$ hi l-potenza mkejla waqt il-modalità mixgħul f'Watts b'konfigurazzjoni normali u stabbilita kif indikat fit-Tabella 2;

$corr_1$ hu l-fattur ta' korrezzjoni stabbilit kif indikat fit-Tabella 3.

Tabella 2

Kejl tal- $P_{measured}$

Il-livell ta' Medda Dinamika	$P_{measured}$
Medda Dinamika Standard (SDR): $P_{measured_{SDR}}$	Id-domanda għall-enerġija f'Watts (W) fil-modalità mixgħul, imkejla meta jintwerew sekwenzi tat-test standardizzati ta' immaġni tiċċaqtaq b'kontenut tax-xandir dinamiku. Meta l-kwoti jkunu applikabbli skont il-parti C ta' dan l-Anness, dawn jenħtieġ jitnaqqsu mill- $P_{measured}$.
Medda Dinamika Qawwija (HDR): $P_{measured_{HDR}}$	Id-domanda għall-enerġija f'Watts (W) fil-modalità mixgħul, imkejla bħal għall- $P_{measured_{SDR}}$ iżda bil-funzjonalità HDR attivata bil-metadata fis-sekwenza tat-test HDR standardizzata. Meta l-kwoti jkunu applikabbli skont il-parti C ta' dan l-Anness, dawn jenħtieġ jitnaqqsu mill- $P_{measured}$.

Tabella 3

Il-valur $corr_1$

Tip ta' Unità tal-Wiri Elettronika	Il-valur $corr_1$
Televixin	0,0
Moniter	0,0
Sinjalar diġitali	$0,00062 \cdot (\text{lum} - 500) \cdot A$ <i>fejn "lum" hi l-luminanza bajda massima, f_{cd}/m^2, tal-aktar konfigurazzjoni luminuża waqt il-modalità mixgħul tal-unità tal-wiri elettronika u "A" hi l-erja tal-iskrin f_{dm^2}</i>

C. Kwoti u aġġustamenti għall-finijiet tal-kalkolu tal- EEI_{label}


L-unitajiet tal-wiri elettroniċi b'kontroll awtomatiku tal-luminożità (ABC) għandhom jikkwalifikaw għal tnaqqis ta' 10 % fil- $P_{measured}$ jekk dawn ikunu jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha li ġejjin:

- L-ABC ikun attiv fil-konfigurazzjoni normali tal-unità tal-wiri elettronika u jibqa' attiv fil-bqija tal-konfigurazzjoni jiet l-oħra b'medda dinamika standard li huma disponibbli għall-utent finali;
- il-valur tal- $P_{measured}$ fil-konfigurazzjoni normali, jitkejjel, bl-ABC diżattivat jew jekk l-ABC ma jistax jiġi diżattivat, f'kundizzjoni ta' dawl ambjentali ta' 100 lux imkejla bis-senser ABC;
- jekk applikabbli, il-valur tal- $P_{measured}$ bl-ABC diżattivat għandu jkun daqs jew akbar mill-enerġija waqt il-modalità mixgħul imkejla bl-ABC attiv f'kundizzjoni ta' dawl ambjentali ta' 100 lux imkejla bis-senser ABC;
- b'ABC attiv, il-valur imkejjel waqt il-modalità mixgħul għandu jonqos b'20 % jew aktar meta l-kundizzjoni tad-dawl ambjentali, imkejla bis-senser tal-ABC, titnaqqas minn 100 lux għal 12 lux;
- il-kontroll tal-ABC tal-luminanza tal-iskrin tal-unità tal-wiri jissodisfa l-karatteristiċi kollha li ġejjin meta l-kundizzjoni tad-dawl ambjentali mkejla bis-senser tal-ABC tibdel:
 - il-luminanza mkejla tal-iskrin waqt 60 lux tkun bejn 65 % u 95 % tal-luminanza tal-iskrin imkejla waqt 100 lux;
 - il-luminanza mkejla tal-iskrin waqt 35 lux tkun bejn 50 % u 80 % tal-luminanza tal-iskrin imkejla waqt 100 lux;
 - il-luminanza mkejla tal-iskrin waqt 12 lux tkun bejn 35 % u 70 % tal-luminanza tal-iskrin imkejla waqt 100 lux.

ANNEX III

It-tikketta tal-unitajiet tal-wiri elettroniċi


1. TIKKETTA



It-tikketta tal-unitajiet tal-wiri elettroniċi għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja:

- I. il-kodiċi QR;
- II. isem il-fornitur jew il-marka kummerċjali tiegħu;
- III. l-identifikatur tal-mudell tal-fornitur;
- IV. l-iskala tal-klassijiet tal-effiċjenza enerġetika minn A sa G;
- V. il-klassi tal-effiċjenza enerġetika ddeterminata skont il-punt B tal-Anness II bl-użu tal- $P_{measuredSDR}$;
- VI. il-konsum tal-enerġija fil-modalità mixgħul f'kWh għal kull 1 000 h, meta jinqara l-kontenut bl-SDR, imqarreb għall-eqreb numru sħiħ;
- VII. il-klassi tal-effiċjenza enerġetika ddeterminata skont il-punt B tal-Anness II bl-użu tal- $P_{measuredHDR}$;
- VIII. il-konsum tal-enerġija fil-modalità mixgħul f'kWh għal kull 1 000 h, meta jinqara l-kontenut bl-HDR, imqarreb għall-eqreb numru sħiħ;
- IX. id-daqs dijagonali tal-iskrin viżibbli f'ċentimetri u f'pulzjeri u r-risoluzzjoni orizzontali u vertikali f'pixels;
- X. in-numru ta' dan ir-Regolament, li "2019/2013".

2. DISINN TAT-TIKKETTA



Fejn:

- It-tikketta għandha tkun wiesgħa mill-inqas 96 mm u għolja mill-inqas 192 mm. Jekk it-tikketta tiġi stampata b'format ikbar, il-kontenut tagħha xorta waħda għandu jibqa' proporzjonat mal-ispeċifikazzjonijiet ta' hawn fuq. Għall-unitajiet tal-wiri elettroniċi b'daqs dijagonali tal-erja viżibbli inqas minn 127 cm (50 pulzier), it-tikketta tista' tiġi stampata iżgħar, iżda sa 60 % tad-daqs normali tagħha; il-kontenut tagħha xorta waħda għandu jkun proporzjonat mal-ispeċifikazzjonijiet imsemmija hawn fuq u l-kodiċi QR xorta waħda għandu jkun jista' jinqara b'apparat li jaqra l-kodiċi QR disponibbli b'mod komuni, bħal daww integrati fi smartphone.
- L-isfond tat-tikketta għandu jkun 100 % abjad.
- It-tipi tal-karattri għandhom ikunu Verdana u Calibri.
- Id-dimensjonijiet u l-ispeċifikazzjonijiet tal-elementi li jikkostitwixxu t-tikketta għandhom ikunu kif indikat fid-disinji tat-tikketta.
- Il-kuluri għandhom ikunu bis-CMYK – cyan, maġenta, isfar u iswed – bħal dan: 0,70,100,0: 0 % cyan, 70 % maġenta, 100 % isfar, 0 % iswed.

(f) It-tikketta għandha tissodisfa r-rekwiżiti kollha li ġejjin (in-numri jirreferu għall-Grafika ta' hawn fuq):

- ❶ il-kuluri tal-logo tal-UE għandhom ikunu kif ġej:
 - l-isfond: 100,80,0,0;
 - l-istilel: 0,0,100,0;
- ❷ il-kulur tal-logo tal-enerġija għandu jkun: 100,80,0,0;
- ❸ il-kodiċi QR għandu jkun 100 % iswed;
- ❹ l-isem tal-fornitur għandu jkun b'kulur 100 % iswed u b'tipa grassa Verdana, 9 pt;
- ❺ l-identifikatur tal-mudell għandu jkun 100 % iswed u b'tipa regolari Verdana, 9 pt;
- ❻ il-klassifikazzjoni A sa G għandha tkun kif ġej:
 - l-ittri tal-iskala tal-effiċjenza enerġetika għandhom ikunu 100 % bojod u b'tipa grassa Calibri, 19 pt; l-ittri għandhom ikunu ċċentrati fuq assi ta' 4,5 mm mix-xellug tal-vleġġ;
 - il-kuluri tal-vleġġ tal-iskala A sa G għandhom ikunu kif ġej:
 - Klassi A: 100,0,100,0;
 - Klassi B: 70,0,100,0;
 - Klassi C: 30,0,100,0;
 - Klassi D: 0,0,100,0;
 - Klassi E: 0,30,100,0;
 - Klassi F: 0,70,100,0;
 - Klassi G: 0,100,100,0;
- ❼ id-diviżuri interni għandu jkollhom piż ta' 0,5 pt u l-kulur għandu jkun 100 % suwed;
- ❽ l-ittra tal-klassi tal-effiċjenza enerġetika għanduha tkun 100 % bajda u b'tipa grassa Calibri, 33 pt. Il-vleġġa tal-klassi tal-effiċjenza enerġetika u l-vleġġa korrispondenti tal-iskala minn A sa G għandhom ikunu ppożizzjonati b'mod li t-truf tagħhom ikunu allinjati. L-ittra fil-vleġġa tal-klassi tal-effiċjenza enerġetika għandha titqiegħed fiċ-ċentru tal-parti rettangolari tal-vleġġa li għandha tkun 100 % sewda;
- ❾ il-valur tal-konsum tal-enerġija f'SDR għandu jkun Verdana b'tipa grassa, 28 pt; "kWh/1 000h" għandha tkun b'tipa regolari Verdana, 16 pt. It-test għandu jkun iċċentrat u 100 % iswed;
- ❿ l-HDR u l-pittogrammi tal-iskrin għandhom ikunu 100 % suwed u kif jidher fid-disinn tat-tikketta; it-testi (numri u unitajiet) għandhom ikunu 100 % suwed, kif ġej:
 - fuq il-pittogramma tal-HDR, l-ittri tal-klassijiet tal-effiċjenza enerġetika (A sa G) għandhom ikunu ċċentrati, bl-ittra tal-klassi tal-effiċjenza enerġetika applikabbli tkun b'tipa grassa Verdana, 16 pt u l-bqija tal-ittri b'tipa regolari Verdana, 10 pt; taħt il-pittogramma tal-HDR, il-valur tal-konsum tal-enerġija fl-HDR għandu jkun iċċentrat, b'tipa grassa Verdana, 16 pt bil-kliem "kWh/1 000h" b'tipa regolari Verdana, 10 pt;
 - it-testi tal-pittogrammi tal-iskrin għandhom ikunu b'tipa regolari Verdana, 9 pt, u mqiegħda kif jidher fid-disinn tat-tikketta;
- ⓫ In-numru tar-Regolament għandu jkun 100 % iswed u b'tipa regolari Verdana, 6 pt.

ANNEX IV

Il-metodi tal-kejl u l-kalkoli

Għall-finijiet ta' konformità u verifika tal-konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, il-kejl u l-kalkoli għandhom isiru permezz ta' standards armonizzati li n-numri ta' referenza tagħhom ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, jew billi jintużaw metodi affidabbli, preċiżi u riproduċibbli oħra li jkunu jqisu l-aktar metodi avvanzati ġeneralment rikonoxxuti. Dawn għandhom ikunu konformi mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness.

Il-kejl u l-kalkoli għandhom jissodisfaw id-definizzjonijiet tekniċi, il-kundizzjonijiet, l-ekwazzjonijiet u l-parametri stabbiliti f'dan l-Anness. L-unitajiet tal-wiri elettroniċi li jistgħu joperaw kemm fil-modalità 2D kif ukoll 3D għandhom jiġu ttestjati meta joperaw fil-modalità 2D.

Unità tal-wiri elettronika li tinqasam f'żewġ unitajiet separati fiżikament jew aktar, iżda mqiegħda fis-suq f'pakkett wieħed, għandha tiġi trattata bħala unità tal-wiri elettronika waħda meta tkun qed tiġi vverifikata l-konformità mar-rekwiżiti ta' dan l-Anness. Meta unitajiet tal-wiri elettroniċi multipli li jistgħu jitqiegħdu fis-suq b'mod separat, jiġu kkombinati f'sistema waħda, l-unitajiet tal-wiri elettroniċi individwali għandhom jiġu trattati bħala unità tal-wiri elettronika waħda.

1. IL-KEJL TAD-DOMANDA GĦALL-ENERĠIJA FIL-MODALITÀ MIXGĦUL

Il-kejl tad-domanda għall-enerġija fil-modalità mixgħul għandu jissodisfa l-kundizzjonijiet ġenerali kollha li ġejjin:

- (a) l-unitajiet tal-wiri elettroniċi għandhom jitkejlu waqt il-konfigurazzjoni normali;
- (b) il-kejl għandu jsir f'temperatura ambjentali ta' $23^{\circ}\text{C} \pm 5^{\circ}\text{C}$;
- (c) il-kejl għandu jsir permezz ta' loops tat-test tas-sinjali vidjo imxandar dinamiku li jirrappreżenta l-kontenut tipiku mxandar għall-unitajiet tal-wiri elettroniċi fil-medda dinamika standard (SDR). Għall-kejl tal-HDR, l-unità tal-wiri elettronika għandha twieġeb b'mod awtomatiku u sew għall-*metadata* tal-HDR fir-ripetizzjoni tat-test. Il-kejl għandu jkun il-konsum medju tal-enerġija tul għaxar (10) minuti konsekuttivi;
- (d) il-kejl għandu jsir wara li l-unità tal-wiri elettronika tkun ilha minimu ta' siegħa (1) fil-modalità mitfi, jew fil-modalità standby jekk il-modalità mitfi ma tkunx disponibbli, u segwita minnufih minn minimu ta' siegħa (1) fil-modalità mixgħul, u għandu jitlestha qabel massimu ta' 3 sigħat fil-modalità mixgħul. Is-sinjali vidjo rilevanti għandu jintwera tul il-ħin kollu tal-modalità mixgħul. Għall-unitajiet tal-wiri elettroniċi li huma magħrufin li jistabbilizzaw fi żmien siegħa (1), dan il-ħin tista' titnaqqas jekk ikun jista' jintwera li l-kejl li jirriżulta jkun fi ħdan 2 % tar-riżultati li kieku jinkisbu bit-tul tal-ħin deskritt hawnhekk;
- (e) meta l-ABC ikun disponibbli, il-kejl għandu jsir b'dan mitfi. Jekk l-ABC ma jkunx jista' jintefa, il-kejl għandu jsir f'kundizzjoni ta' dawl ambjentali ta' 100 lux imkejla bis-senser ABC.

2. IL-KEJL TAL-LUMINANZA BAJDA MASSIMA

Il-kejl tal-luminanza bajda massima għandu jsir:

- (a) b'miter tal-luminanza, li jsib dak il-porzjon tal-unità tal-wiri li jkun qed juri immaġni bajda għalkollox (100 %), li jkun parti minn xejra ta' "test sħiħ tal-iskrin" li ma tkunx taqbeż il-punt tal-livell medju tal-istampa (APL) fejn isseħħ xi limitazzjoni tal-enerġija jew xi irregolarità oħra;
- (b) mingħajr ma jiġi disturbat il-punt ta' detezzjoni tal-miter tal-luminanza fuq l-unità tal-wiri elettronika waqt il-qlib bejn il-kundizzjonijiet normali u l-aktar kunfigurazzjoni luminuża waqt il-modalità mixgħul.

ANNEX V

L-iskeda informazzjoni dwar il-prodott

Skont il-punt 1(b) tal-Artikolu 3, il-fornitur għandu jdaħħal fil-bażi tad-*data* tal-prodotti, l-informazzjoni kif stabbilita fit-Tabella 4.

Il-manwal tal-prodott jew materjal ieħor għall-qari mogħti mal-prodott għandhom jindikaw b'mod ċar ir-rabta mal-mudell fil-bażi tad-*data* tal-prodotti bħala URL (Uniform Resource Locator) li jista' jaqrah il-bniedem jew bħala kodiċi QR jew jagħtu n-numru tar-reġistrazzjoni tal-prodott.

Tabella 4

L-informazzjoni, l-ordni u l-format tal-iskeda informattiva dwar il-prodott

	Informazzjoni	Valur u preċiżjoni	Unità	Noti
1.	Isem il-fornitur jew il-marka kummerċjali tiegħu	TEST		
2.	Identifikatur tal-mudell tal-fornitur	TEST		
3.	Klassi tal-effiċjenza enerġetika għall-Medda Dinamika Standard (SDR)	[A/B/C/D/E/F/G]		jekk il-bażi tad- <i>data</i> tal-prodotti tiġġenera awtomatikament il-kontenut definittiv ta' din iċ-ċellola, il-fornitur ma għandux idaħħal din id- <i>data</i> .
4.	Domanda għall-enerġija fil-modalità mix-għul għall-Medda Dinamika Standard (SDR)	X,X	W	Imqarrba għall-ewwel ċifra wara l-punt deċimali għall-valuri tal-enerġija inqas minn 100 W, u mqarrba għall-ewwel numru sħiħ għall-valuri tal-enerġija minn 100 W.
5.	Klassi tal-effiċjenza enerġetika (HDR)	[A/B/C/D/E/F/G] jew mhux applikabbli		jekk il-bażi tad- <i>data</i> tal-prodotti tiġġenera awtomatikament il-kontenut definittiv ta' din iċ-ċellola, il-fornitur ma għandux idaħħal din id- <i>data</i> . Il-valur jiġi stabbilit bħala "n.a. (mhux applikabbli)" jekk l-HDR mhix implimentata.
6.	Domanda għall-enerġija fil-modalità mix-għul għall-Medda Dinamika Qawwija (HDR)	X,X	W	Imqarrba għall-ewwel ċifra wara l-punt deċimali għall-valuri tal-enerġija inqas minn 100 W, u mqarrba għall-ewwel numru sħiħ għall-valuri tal-enerġija minn 100 W (il-valur ikun 0 (zero) jekk "mhux applikabbli").
7.	Domanda għall-enerġija fil-modalità mitfi	X,X	W	
8.	Domanda għall-enerġija fil-modalità standby	X,X	W	

	Informazzjoni	Valur u preċiżjoni			Unità	Noti
9.	Domanda għall-enerġija fil-modalità standby man-network	X,X			W	
10.	Kategorija tal-unità tal-wiri elettronika	[televixin/moniter/ apparat tas-sinjalar/ oħra]				Agħżel waħda.
11.	Il-proporzjon tad-daqs	X	:	Y	inteġer	Eż. 16:9, 21:9, eċċ.
12.	Ir-riżoluzzjoni tal-iskrin (pixels)	X	x	Y	pixels	Pixels orizzontali u vertikali
13.	Id-daqs dijagonali tal-iskrin	X,X			cm	F'cm skont is-Sistema Internazzjonali tal-Unitajiet (SI) imqarreb għall-ewwel ċifra wara l-punt deċimali.
14.	Id-daqs dijagonali tal-iskrin	X			pulzieri	Fakulattiv, f'pulzieri mqarreb għaċ-ċifra minghajn punt deċimali.
15.	Erja tal-iskrin viżibbli	X,X			cm ²	Imqarreb għal punt deċimali wieħed
16.	It-teknoloġija użata tal-panell	TEST				Eż. LCD/LED LCD/QLED LCD/OLED/MicroLED/QDLED/SED/FED/EPD, eċċ.
17.	Il-Kontroll Awtomatiku tal-Luminożità (ABC) disponibbli	[IVA/LE]				Irid ikun attivat bħala prestabbilit (jekk IVA).
18.	Is-senser ta' rikonoxximent tal-vuċi disponibbli	[IVA/LE]				
19.	Senser tal-preżenza disponibbli	[IVA/LE]				Irid ikun attivat bħala prestabbilit (jekk IVA).
20.	Ir-rata ta' frekwenza tal-aġġornament tal-immaġni	X			Hz	
21.	Id-disponibbiltà garantita minima tal-aġġornamenti tas-software u tal-firmwer (sa):	GG MM AAAA			data	Mill-Anness II E, il-punt 1 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/2021 ⁽¹⁾ .
22.	Id-disponibbiltà garantita minima tal-ispare parts (sa):	GG MM AAAA			data	Mill-Anness II D, il-punt 5 tar-Regolament (UE) 2019/2021.
23.	L-appoġġ garantit minimu tal-prodott (sa):	GG MM AAAA			data	

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/2021 tal-1 ta' Ottubru 2019 li jstabbilixxi rekwiżiti tal-ekodisinn għall-unitajiet tal-wiri elettroniki skont id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1275/2008 u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 642/2009 (Ara paġna 241 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

	Informazzjoni		Valur u preċiżjoni	Unità	Noti
24.	It-tip ta' provvista tal-elettriku		Interna/Esterna/ Esterna standardizzata		Agħżel waħda.
i	Provvista tal-elettriku esterna standardizzata (inkluża fil-kaxxa tal-prodott)	Isem standard	TEST		
		Il-vultaġġ tal-input	X	V	
		Il-vultaġġ tal-output	X	V	
ii	Provvista tal-elettriku xierqa esterna standar- dizzata (jekk mhux inkluża fil-kaxxa tal-prodott)	Isem standard	TEST		Obbligatorja biss jekk l-EPS ma tkunx inkluża fil-kaxxa, inkella ma tkunx obbligatorja.
		Il-vultaġġ tal-output meħtieġ	X,X	V	Obbligatorja biss jekk l-EPS ma tkunx inkluża fil-kaxxa, inkella ma tkunx obbligatorja.
		Il-kurrent imwassal meħtieġ	X,X	A	Obbligatorja biss jekk l-EPS ma tkunx inkluża fil-kaxxa, inkella ma tkunx obbligatorja.
		Il-frekwenza tal-kurrent meħtieġa	X	Hz	Obbligatorja biss jekk l-EPS ma tkunx inkluża fil-kaxxa, inkella ma tkunx obbligatorja.

ANNEX VI

Dokumentazzjoni teknika

Id-dokumentazzjoni teknika msemija fil-punt 1(d) tal-Artikolu 3 għandha tinkludi:

- (1) data ta' identifikazzjoni (deskrizzjoni ġenerali tal-mudell):
 - (a) il-marka kummerċjali u l-identifikatur tal-mudell;
 - (b) l-isem u l-indirizz tal-fornitur, l-isem kummerċjali rreġistrat;
- (2) referenzi għall-istandards armonizzati applikati, standards oħra tal-kejl u l-ispeċifikazzjonijiet użati għall-kejl tal-parametri tekniċi u l-kalkoli mwettqa;
- (3) il-prekawzjonijiet speċifiċi li jridu jittieħdu meta jiġi armat, installat u ttestjat il-mudell;
- (4) lista tal-mudelli ekwivalenti kollha, li tinkludi l-identifikaturi tal-mudell;
- (5) il-parametri tekniċi mkejla tal-mudell u l-kalkoli mwettqa bil-parametri mkejla kif elenkat fit-Tabella 5;

Tabella 5

Il-parametri tekniċi mkejla

		Valur u preċiżjoni	Unità	Noti
	Ġenerali			
1.	Temperatura ambjentali	XX,XX	°C	
2.	Il-vultaġġ tat-test	X	V	
3.	Il-frekwenza	X,X	Hz	
4.	Id-distorsjoni armonika totali (THD) tas-sistema tal-provvista tal-elettriku	X	%	
	Għall-modalità mixgħul			
5.	Il-luminanza bajda massima waqt l-aktar kunfigurazzjoni luminuża	X	cd/m ²	
6.	Il-luminanza bajda massima waqt il-kunfigurazzjoni normali	X	cd/m ²	
7.	Proporzjon tal-luminanza bajda massima (ikkalkulat)	X,X	%	Il-valur fir-ringiela 6 hawn fuq diviż bil-valur fir-ringiela 5 hawn fuq immultiplikati b'100
	Għal APD			
8.	Id-durata tal-kundizzjoni fil-modalità mixgħul, qabel ma l-unità tal-wiri elettronika tgħaddi awtomatikament għall-modalità standby, jew għall-modalità mitfi, jew kundizzjoni oħra li ma taqbiżx ir-rekwiżiti applikabbli tal-konsum tal-enerġija għall-modalità mitfi u/jew għall-modalità standby.	mm:ss		

		Valur u preċiżjoni	Unità	Noti
	Għat-televisins: il-valur imkejjel tal-ħin qabel ma t-televisin jasal awtomatikament għall-modalità standby, jew għall-modalità mitfi, jew għal kundizzjoni oħra li ma taqbiżx ir-rekwiżiti applikabbli tal-konsum tal-enerġija għall-modalità mitfi u/jew għall-modalità standby wara l-aħħar interazzjoni tal-utent;	mm:ss		
	Għat-televisins mgħammra bi preżenza ta' sensor fil-kamra: il-valur imkejjel tal-ħin qabel ma t-televisin jasal awtomatikament għall-modalità standby, jew għall-modalità mitfi, jew għal kundizzjoni oħra li ma taqbiżx ir-rekwiżiti applikabbli tal-konsum tal-enerġija għall-modalità mitfi u/jew għall-modalità standby meta ma tinħass l-ebda preżenza;	mm:ss		
	Unitajiet tal-wiri elettroniċi oħrajn għajr it-televisins u l-unitajiet tal-wiri tax-xandir: il-valur imkejjel tal-ħin qabel ma l-unità tal-wiri elektronika tasal awtomatikament għall-modalità standby, jew għall-modalità mitfi, jew għal kundizzjoni oħra li ma taqbiżx ir-rekwiżiti applikabbli tal-konsum tal-enerġija għall-modalità mitfi u/jew għall-modalità standby meta ma jinħass l-ebda input;	mm:ss		
	Għall-ABC			Jekk disponibbli u attivata b'mod prestabbilit (mill-Anness V, it-Tabella 4)
9.	Il-medja tad-domanda għall-enerġija fil-modalità mixgħul tal-unità tal-wiri elektronika b'intensità tad-dawl ambjentali, imkejla bis-sensor tal-ABC tal-unità tal-wiri elektronika, ta' 100 lux u 12-il lux.	X,X	W	
10	Persentaġġ tat-tnaqqis fl-enerġija minħabba l-azzjoni tal-ABC bejn 100 lux u 12-il lux għall-kundizzjonijiet tad-dawl ambjentali.	X,X	%	
11	Il-luminanza bajda massima tal-unità tal-wiri b'kull waħda minn dawn l-intensitajiet tad-dawl ambjentali li ġejjin, imkejla bis-sensor ABC tal-unità tal-wiri elettronika, 100 lux, 60 lux, 35 lux, 12-il lux.	x	cd/m ²	
	L-enerġija mkejla fil-modalità mixgħul waqt dawl ambjentali ta' 100 lux fis-sensor tal-ABC	X,X	W	
	L-enerġija mkejla fil-modalità mixgħul waqt dawl ambjentali ta' 12 lux fis-sensor tal-ABC	X,X	W	
	Il-luminanza mkejla tal-iskrin waqt dawl ambjentali ta' 60 lux fis-sensor tal-ABC	X	cd/m ²	

	Valur u preċiżjoni	Unità	Noti
Il-luminanza mkejla tal-iskrin waqt dawl ambjentali ta' 35 lux fis-senser tal-ABC	X	cd/m ²	
Il-luminanza mkejla tal-iskrin waqt dawl ambjentali ta' 12 lux fis-senser tal-ABC	X	cd/m ²	

(6) Rekwiżiti ta' informazzjoni addizzjonali

- (a) it-terminal tal-input għas-sinjali tat-test tal-awdjow u tal-vidjow użati għall-ittestjar;
- (b) l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni dwar l-istrumentazzjoni, il-konfigurazzjoni u ċ-ċirkwiti użati għall-ittestjar elettriku;
- (c) kwalunkwe kundizzjoni oħra tal-ittestjar li mhix deskritta jew stabbilita fil-punt (b);
- (d) għall-modalità mixgħul:
 - (i) il-karatteristiċi tas-sinjal dinamiku tal-vidjo b'kontenut tax-xandir li jirrappreżentaw il-kontenut tipiku tax-xandir televiżiv; għal sinjal dinamiku HDR tal-vidjow b'kontenut tax-xandir, l-unità tal-wiri elettronika għandha tintefa awtomatikament għall-modalità tal-HDR bil-metadata tal-HDR ta' dak is-sinjal;
 - (ii) is-sekwenza tal-passi biex tinkiseb kundizzjoni stabbli fir-rigward tal-livell tad-domanda għall-enerġija; u
 - (iii) il-konfigurazzjonijiet tal-istampa użati għall-kejl tal-aktar luminanza bajda massima luminuża u x-xejra tat-test għas-sinjal tal-vidjow użata għall-kejl.
- (e) Għall-modalità standby u mitfi:
 - (i) il-metodu tal-kejl użat;
 - (ii) deskrizzjoni ta' kif intgħażlet jew ġiet ipprogrammata l-modalità, inkluż kull funzjoni ta' riattivazzjoni mtejbja; u
 - (iii) is-sekwenza tal-avvenimenti biex tintlaħaq il-kundizzjoni meta l-unità tal-wiri elettronika tibdel awtomatikament il-modalitajiet.
- (f) Għall-unitajiet tal-wiri elettroniċi b'interfaċċja speċifika tas-sinjali tal-kompjuter:
 - (i) konferma li l-unità tal-wiri elettronika tipprijoritizza l-protokoll ta' ġestjoni tal-enerġija tal-unità tal-wiri tal-kompjuter stabbiliti fil-punt 6.2.3 tal-Anness II tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 617/2013⁽¹⁾. Jenħtieġ li kwalunkwe devjazzjoni mill-protokoll tiġi rrapportata.
- (g) Għall-unitajiet tal-wiri elettroniċi f'network:
 - (i) l-għadd u t-tip ta' interfaċċji tan-network u, għajr għall-interfaċċi tan-network mingħajr wajer, il-pożizzjoni tagħhom fl-unità tal-wiri elettronika;

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 617/2013 tas-26 ta' Ġunju 2013 li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti għall-ekodisinn għall-kompjuters u s-servers informatiċi (ĠU L 175, 27.6.2013, p. 13).

- (ii) jekk l-unità tal-wiri elettronika tikkwalifikax bħala unità tal-wiri elettronika b'funzjonalità HiNA; jekk ma tingħata l-ebda informazzjoni, l-unità tal-wiri elettronika titqies li mhix unità tal-wiri HiNA jew unità tal-wiri b'funzjonalità HiNA; u
 - (iii) informazzjoni dwar jekk l-unità tal-wiri elettronika mqabbda ma' netwerk tipprovdi funzjonalità li tippermetti l-funzjoni ta' ġestjoni tal-enerġija u/jew lill-utent finali li jaqleb l-unità tal-wiri elettronika għal kundizzjoni li tipprovdi l-modalità standby ta' netwerk għall-modalità standby, jew il-modalità mitfi jew xi kundizzjoni oħra li ma taqbiżx ir-rekwiżiti applikabbli tad-domanda għall-enerġija għall-modalità mitfi u/jew għall-modalità standby, inkluż kwota tal-enerġija għall-funzjoni ta' riattivazzjoni mtejba metan applikabbli.
- (h) Għal kull tip ta' port tan-netwerk:
- (i) il-ħin prestabbilit (mm:ss) li meta jgħaddi, il-funzjoni ta' ġestjoni tal-enerġija taqleb l-unità tal-wiri għal kundizzjoni li tipprovdi l-modalità standby ta' netwerk; u
 - (ii) il-kmand li jrid jintuża għar-riattivazzjoni tal-unità tal-wiri elettronika;
- (7) meta tkun inkisbet l-informazzjoni inkluża fil-fajl tad-dokumentazzjoni teknika għal mudell partikolari ta' unità tal-wiri elettronika:
- (a) minn mudell li għandu l-istess karatteristiċi tekniċi rilevanti għall-informazzjoni teknika li trid tingħata iżda li jagħmlu manifattur differenti, jew
 - (b) b'kalkolu bbażat fuq id-disinn jew estrapolazzjoni minn mudell ieħor tal-istess fornitur jew ta' fornitur ieħor, jew it-tnejn;
- id-dokumentazzjoni teknika għandha tinkludi, kif xieraq, id-dettalji ta' dan il-kalkolu, il-valutazzjoni mwettqa mill-fornituri biex jivverifikaw il-preċiżjoni tal-kalkolu u, meta xieraq, id-dikjarazzjoni ta' identità bejn il-mudelli ta' fornituri differenti; u
- (8) id-dettalji ta' kuntatt tal-persuna awtorizzata biex torbot lill-fornitur, jekk ma jkunux inklużi fl-informazzjoni teknika mqiegħda fil-bażi tad-*data*, għandhom isiru disponibbli, meta jintalbu, għall-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jew għall-Kummissjoni biex iwettqu l-kompiti tagħhom skont dan ir-Regolament.
-

ANNEX VII

Informazzjoni li trid tingħata fir-reklami viżivi, fil-materjal promozzjonali tekniku waqt bejgħ mill-bogħod u fit-telebejgħ, għajr fil-bejgħ mill-bogħod fuq l-Internet

1. Fir-reklami viżivi, ħalli tkun żgurata l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-punt 1(e) tal-Artikolu 3 u fil-punt (d) tal-Artikolu 4, il-klassi tal-effiċjenza enerġetika u l-firxa tal-klassijiet tal-effiċjenza disponibbli fuq it-tikketta għandhom jintwerew kif stipulat fil-punt 4 ta' dan l-Anness.
2. Fil-materjal promozzjonali tekniku, għall-finijiet tal-iżgurar tal-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-punt 1(f) tal-Artikolu 3 u l-punt (e) tal-Artikolu 4, il-klassi tal-enerġija u l-firxa tal-klassijiet tal-effiċjenza disponibbli fuq it-tikketta għandhom jintwerew kif stipulat fil-punt 4 ta' dan l-Anness.
3. Kull tip ta' bejgħ mill-bogħod ibbażat fuq il-karta jrid juri l-klassi tal-enerġija u l-firxa tal-klassijiet tal-effiċjenza disponibbli fuq it-tikketta kif stipulat fil-punt 4 ta' dan l-Anness.
4. Il-klassi tal-effiċjenza enerġetika u l-firxa tal-klassijiet tal-effiċjenza enerġetika għandhom jintwerew, kif indikat fil-Grafika 1, bi:
 - (a) vleġġa bl-ittra tal-klassi tal-effiċjenza enerġetika, 100 % bajda, b'tipa grassa Calibri u b'daqs tat-tipa li jkun mill-inqas ekwivalenti għal dak tal-prezz, meta jintwera l-prezz;
 - (b) il-kulur tal-vleġġa jaqbel mal-kulur tal-klassi tal-effiċjenza enerġetika;
 - (c) il-firxa tal-klassijiet tal-effiċjenza enerġetika disponibbli 100 % bl-iswed; u,
 - (d) id-daqs għandu jkun tali li l-vleġġa tkun tidher u tinqara b'mod ċar. L-ittra fil-vleġġa tal-klassi tal-effiċjenza enerġetika għandha titqiegħed fiċ-ċentru tal-parti rettangolari tal-vleġġa, b'burdura 100 % sewda ta' 0,5 pt madwar il-vleġġa u l-ittra tal-klassi tal-effiċjenza enerġetika.

B'deroga, jekk ir-reklam viżiv, il-materjal promozzjonali tekniku jew il-bejgħ mill-bogħod ibbażat fuq il-karti jkun stampati b'monokromu, il-vleġġa f'dak ir-reklam viżiv, il-materjal promozzjonali jew il-bejgħ mill-bogħod ibbażat fuq il-karti, tista' tkun monokromu.

Grafika 1

Vleġġa lemin/xellug monokromu/bil-kulur, bil-firxa tal-klassijiet tal-effiċjenza enerġetika indikata




5. Il-bejgħ mill-bogħod ibbażat fuq it-telebejgħ għandu jinforma b'mod speċifiku lill-konsumaturi dwar il-klassi tal-effiċjenza enerġetika tal-prodott u dwar il-firxa tal-klassijiet tal-enerġija disponibbli fuq it-tikketta, u li l-konsumaturi jistgħu jaċċessaw it-tikketta u l-iskeda informattiva dwar il-prodott permezz tas-sit web tal-bażi tad-data tal-prodotti, jew billi jitolbu kopja stampata.
6. Għas-sitwazzjonijiet kollha msemmija fil-punti 1 sa 3 u 5, meta jitolbu, il-konsumaturi għandu jkollhom aċċess għal kopja stampata tat-tikketta u l-iskeda informattiva dwar il-prodott.

ANNEX VIII

Informazzjoni li trid tingħata fil-każ ta' bejgħ mill-bogħod bl-Internet

1. It-tikketta xierqa li l-fornituri jqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku skont il-punt 1(g) tal-Artikolu 3 għandha tintwera fuq il-mekkaniżmu tal-wiri qrib il-prezz tal-prodott. Id-daqs għandu jkun tali li t-tikketta tidher u tinqara sew u għandu jkun proporzjonat għad-daqs speċifikat fil-punt 2(a) tal-Anness III. It-tikketta tista' tintwera bl-użu ta' nested display, u f'dan il-każ l-immagħni użata biex tiġi aċċessata t-tikketta għandha tkun konformi mal-ispeċifikazzjoni jiet stabbiliti fil-punt 3 ta' dan l-Anness. Jekk jintuża nested display, it-tikketta għandha tidher hekk kif wieħed jagħfas darba bil-maws, jew hekk kif wieħed imur fuqha bil-maws, jew hekk kif wieħed iwessa' l-iskrin tattili fuq l-immagħni.
2. Fil-każ ta' nested display, l-immagħni użata għall-aċċess għat-tikketta, kif indikat fil-Grafika 2, għandha:
 - (a) tkun vlegħa bl-istess kulur bħall-klassi tal-effiċjenza enerġetika tal-prodott fuq it-tikketta;
 - (b) tindika l-klassi tal-effiċjenza enerġetika tal-prodott fuq il-vlegħa, 100 % bajda, b'tipa grassa Calibri u b'daqs tat-tipa ekwivalenti għal dak tal-prezz;
 - (c) ikollha firxa tal-klassijiet tal-effiċjenza enerġetika disponibbli 100 % bl-iswed; u,
 - (d) ikollha wieħed minn dawn iż-żewġ formati li ġejjin, u d-daqs tagħha għandu jkun tali li l-vlegħa tkun tidher u tinqara b'mod ċar. L-ittra fil-vlegħa tal-klassi tal-effiċjenza enerġetika għandha titqiegħed fiċ-ċentru tal-parti rettangolari tal-vlegħa, b'burdura viżibbli 100 % sewda madwar il-vlegħa u l-ittra tal-klassi tal-effiċjenza enerġetika.

Grafika 2

Vlegħa lemin/xellug bil-kulur, bil-firxa tal-klassijiet tal-effiċjenza enerġetika indikata

3. Fil-każ ta' nested display, is-sekwenza ta' x'jidher fuq it-tikketta għandha tkun hekk:
 - (a) l-immagħni msemmija fil-punt 2 ta' dan l-Anness għandha tintwera fuq il-mekkaniżmu tal-wiri qrib il-prezz tal-prodott;
 - (b) l-immagħni għandha twassal għat-tikketta kif stabbilit fl-Anness III;
 - (c) it-tikketta għandha tidher hekk kif wieħed jagħfas bil-maws, jew hekk kif wieħed imur fuqha bil-maws, jew hekk kif wieħed iwessa' l-iskrin tattili fuq l-immagħni;
 - (d) it-tikketta għandha tintwera billi jinfetħu tieqa oħra, tab ġdida, paġna ġdida jew skrin ieħor fuq l-istess skrin;
 - (e) għal tkabbir tat-tikketta fuq l-iskrins tattili, għandhom japplikaw il-konvenzjonijiet tal-apparat għat-tkabbir tattili;
 - (f) it-tikketta ma għandhiex tintwera b'għażla ta' għeluq jew b'xi mekkaniżmu ieħor standard ta' għeluq; u
 - (g) it-test alternattiv għall-grafika, li trid tintwera jekk it-tikketta ma tintweriex, għandu jkun il-klassi tal-effiċjenza enerġetika tal-prodott, b'tipa daqs it-tipa tal-prezz.
4. L-iskeda informattiva dwar il-prodott xierqa, magħmula disponibbli mill-fornituri skont il-punt 1(h) tal-Artikolu 3 għandha tintwera fuq il-mekkaniżmu tal-wiri qrib il-prezz tal-prodott. Id-daqs ta' din l-iskeda informattiva dwar il-prodott għandu jkun tali li tkun tidher u tinqara b'mod ċar. L-iskeda informattiva dwar il-prodott tista' tintwera bl-użu ta' nested display jew b'referenza għall-bażi tad-data tal-prodotti, u f'dan il-każ il-link użat għall-aċċess għall-iskeda informattiva dwar il-prodott għandha tindika b'mod ċar u li jista' jinqara l-kelmiet "Skeda informattiva dwar il-prodott". Jekk jintuża nested display, l-iskeda informattiva dwar il-prodott għandha tidher mal-għafsa tal-maws, ċaqliqa tal-maws jew tkabbir tal-immagħni fuq l-iskrin tattili.

ANNEX IX

Proċedura ta' verifika għall-finijiet tas-sorveljanza tas-suq

It-tolleranzi tal-verifika stabbiliti f'dan l-Anness huma marbutin biss mal-verifika tal-parametri mkejla mill-awtoritajiet tal-Istati Membri u ma għandhomx jintużaw mill-fornitur bħala tolleranza permessa biex jiġu stabbiliti l-valuri inklużi fid-dokumentazzjoni teknika. Il-valuri u l-klassijiet fuq it-tikketta jew fl-iskeda informattiva dwar il-prodott ma għandhomx ikunu aktar favorevoli għall-fornitur milli jkunu l-valuri dikjarati fid-dokumentazzjoni teknika.

Meta mudell ikun ġie ddisinjat biex ikun kapaċi jinduna li qed jiġi ttestjat (eż. billi jirrikonoxxi l-kundizzjonijiet tat-test jew iċ-ċiklu tat-test), u biex jirreaġixxi b'mod speċifiku billi jbidel awtomatikament il-prestazzjoni tiegħu waqt it-test biex jilħaq livell aktar favorevoli għal xi wieħed mill-parametri speċifikati f'dan ir-Regolament jew inkluż fid-dokumentazzjoni teknika jew f'xi dokumentazzjoni mogħtija, il-mudell u l-mudelli ekwivalenti kollha għandhom jitqiesu li mhumiex konformni.

Għall-verifika tal-konformità ta' mudell tal-prodott mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom japplikaw il-proċedura li ġejja:

- (1) L-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jivverifikaw unità waħda tal-mudell.
- (2) Il-mudell għandu jitqies konformi mar-rekwiżiti applikabbli jekk:
 - (a) il-valuri mogħtija fid-dokumentazzjoni teknika skont il-punt 3 tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2017/1369 (il-valuri dikjarati) u, fejn applikabbli, il-valuri użati għall-kalkolu ta' dawn il-valuri, ma jkunux aktar favorevoli għall-fornitur milli-valuri korrispondenti mogħtija fir-rapporti tat-test;
 - (b) il-valuri ppubblikati fuq it-tikketta jew fl-iskeda informattiva dwar il-prodott ma jkunux aktar favorevoli għall-fornitur milli jkunu l-valuri dikjarati, u l-klassi tal-effiċjenza enerġetika indikata ma tkunx aktar favorevoli għall-fornitur milli tkun il-klassi determinata bil-valuri dikjarati; u
 - (c) meta l-awtoritajiet tal-Istati Membri jittestjaw l-unità tal-mudell, il-valuri determinati (il-valuri tal-parametri rilevanti kif imkejla waqt l-ittestjar u l-valuri kkalkulati minn dan il-kejl) ikunu konformi mat-tolleranzi tal-verifika rispettivi mogħtija fit-Tabella 6.
- (3) Jekk ma jinkisbux ir-riżultati msemmija fil-punti 2(a) jew (b), il-mudell u l-mudelli ekwivalenti kollha għandhom jitqiesu li mhumiex konformi ma' dan ir-Regolament.
- (4) Jekk ma jinkisbux ir-riżultat imsemmi fil-punt 2(c), l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jagħżlu tliet unitajiet oħra tal-istess mudell biex jiġu ttestjati. Inkella, it-tliet unitajiet l-oħra magħżula jistgħu jkunu ta' xi wieħed jew aktar mill-mudelli ekwivalenti.
- (5) Il-mudell għandu jitqies konformi mar-rekwiżiti applikabbli jekk, għal dawn it-tliet unitajiet, il-medja aritmetika tal-valuri determinati tkun fi ħdan it-tolleranzi tal-verifika rispettivi mogħtija fit-Tabella 6.
- (6) Jekk ma jinkisbux ir-riżultat imsemmi fil-punt 5, il-mudell u kull mudell ekwivalenti għandhom jitqiesu li mhumiex konformi ma' dan ir-Regolament.
- (7) Meta tittieħed id-deċiżjoni tan-nuqqas ta' konformità tal-mudell skont il-punti 3 u 6, l-awtoritajiet tal-Istat Membru għandhom jipprovdu kull informazzjoni rilevanti lill-awtoritajiet tal-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni min-għajr dewmien.

L-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jużaw il-metodi tal-kejl u tal-kalkolu mogħtija fl-Anness IV.

L-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom japplikaw biss it-tolleranzi tal-verifika determinati fit-Tabella 6 u għandhom jużaw biss il-proċedura deskritta fil-punti 1 sa 7 għar-rekwiżiti msemmija f'dan l-Anness. Ma għandha tiġi applikata l-ebda tolleranza oħra, lanqas jekk tkun stabbilita bi standards armonizzati jew b'xi metodu ieħor tal-kejl.

Tabella 6

Tolleranzi tal-verifika

Parametru	Tolleranzi tal-verifika
Domanda għall-enerġija fil-modalità mixgħul ($P_{measured}$, Watts)	Il-valur determinat (*) ma għandux jaqbeż il-valur dikjarat b'aktar minn 7 %.
Domanda għall-enerġija f'Watts fil-modalità mitfi, fil-modalità standby u fil-modalità standby ta' netwerk, kif applikabbli.	Il-valur determinat (*) ma għandux jaqbeż il-valur dikjarat b'aktar minn 0,10 Watt jekk il-valur dikjarat ikun 1,00 Watt jew inqas, jew b'aktar minn 10 % jekk il-valur dikjarat ikun aktar minn 1,00 Watt.
Id-daqs dijagonali tal-iskrin viżibbli f'ċentimetri (u f'pulzieri jekk dan ikun dikjarat)	Il-valur determinat (*) ma għandux ikun anqas mill-valur dikjarat b'aktar minn 1 cm jew 0,4 pulzieri.
L-erja tal-iskrin viżibbli f'dm ²	Il-valur determinat (*) ma għandux ikun inqas mill-valur dikjarat b'aktar minn 0,1 dm ² .
Ir-risoluzzjoni tal-iskrin fl-għadd ta' pixels fiżiċi orizzontali u vertikali;	Il-valur determinat (*) ma għandux jiddevja mill-valur dikjarat.

(*) Fil-każ ta' tliet unitajiet addizzjonali ttestjati kif preskritt fil-punt 4, il-valur determinat ifisser il-medja aritmetika tal-valuri dikjarati għal dawn it-tliet unitajiet addizzjonali.